# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 65

11 ta’ Ġunju 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fit-8.30 ta’ filgħodu.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M’ Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 65.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

65.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 65.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

65.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u sittin (63) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

65.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, AD, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

65.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erbgħa u sittin (64) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

65.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, JAE, DSH, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 65.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

65.3.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mal-organizzaturi tal-Isle of MTV fejn ġew diskussi xi dettalji relatati mal-edizzjoni ta' dik is-sena. Is-Sindku qalet l-organizzaturi kienu qed jaħdmu wkoll id f'id ma' Transport Malta u mal-LESA.

65.3.1.1. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kien ġie mitlub jipprovdi lista ta' bars li qegħdin fl-*enclosure area* sabiex ikunu jistgħu jingħataw l-approvazzjoni neċessarja biex ikunu jistgħu joperaw dakinhar tal-attività.

65.3.1.2. Is-Sindku qalet li jidher li kollox kien ser ikun bħas-snin preċedenti u jidher li kien hemm kollox taħt kontroll.

65.3.1.3. Is-Sindku ċċirkolat lista ta' toroq li kienu ser jingħalqu matul din l-attività u għall-preparamenti tagħha. Hija qalet li in kwantu ta' spazji ta' parkeġġ għar-residenti fl-MCP, din id-darba kienu ntalbu mitt spazju ta' parkeġġ minħabba li s-sena l-oħra kienu ntużaw biss tliet spazji mit-tlett mija mitluba.

65.3.1.4. Is-Sindku qalet li kienet staqsiet ukoll dwar is-CSR li jipprovdu ta' kull sena, iżda kienet għadha qed tistenna risposta fuq din il-komunikazzjoni.

65.3.1.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hux ser ikun hemm l-istess organizzazzjoni għall-kunċert ta' Liam Gallagher. Is-Sindku qalet li l-organizzazzjoni kienet ser tkun simili għall-kundizzjonijiet li jkun hemm fil-kunċert annwali ta' Joseph Calleja u li għalhekk ma kienux ser jingħalqu ħafna toroq.

## 65.4 Rapporti

65.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 65.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

65.5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 65.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

65.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

65.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 51/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

65.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

65.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' *petty cash* li nħarġu matul ix-xahar ta' Mejju li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

65.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista tal-petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 65.8 Mozzjonijiet

65.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

## 65.9 Offerti pubbliċi

65.9.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-Bord tal-Aġġudikazzjoni maħtur dwar it-tender tal-Urban Greening. Hija qalet li peress li wħud mill-membri tal-Bord ma kienux ġew eletti għal-leġislatura li jmiss, kien ser ikun hemm bżonn li jinbidel il-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-membri għandhom jintgħażlu ladarba tibda topera it-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana.

65.9.2. Is-Sindku għamlet riferenza għat-tender FLC/T/1/2019 u qalet li din is-sejħa għandha terġa tinħareġ b'sottomissjonijiet ġodda wara konsultazzjoni mal-Inġinier.

65.9.3. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-kumpanija li ħadet it-tender FLC/T/7R/2018 kienet baqgħet ma ssottomettitx il-*performance guarantee* kif rikjest fid-dokument tal-offerta' ppubblikata fuq l-ePPS u anke wara li s-SE ikkomunikat verbalment ma' din il-kumpanija. Għalhekk il-Kunsill talab biex

jinbdew proċeduri legali sabiex dan it-tender ma jibqax ikkunsidrat. Is-SE spjegat li l-Kunsill għandu jistenna li din il-proċedura legali tkun segwita qabel ma jkun jista' jipproċedi skont ir-regolamenti tal-offerti pubbliċi.

65.9.4. Is-Sindku għamlet riferenza għall-bżonn li jinbidlu xi tabelli tal-*Heritage Trail.* Hija qalet li kienet ġabet kwotazzjoni mingħand kumpanija li qed toffri materjal ġdid li ma jinkisirx, huwa *vandal proof* kif ukoll reżistenti għax-xemx b'garanzija ta' għaxar snin. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-kwotazzjoni proposta li għalkemm ma kienitx l-irħas, kienet toffri materjal reżistenti għall-vandali u għax-xemx.

65.9.5. Il-Kunsillier JAE ippropona li tintalab kwotazzjoni bl-istess materjal għall-mappa tal-Floriana li kien hemm maġenb il-Biskuttin. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjoni għal din.

## 65.10 KORRISPONDENZA

### 65.10.1. TALBA MINGĦAND CHORUS PRINCEPS MELITAE

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-każ ta' Chorus Princeps Melitae u qalet li rappreżentant ta' dan il-kor kien għamel rapport għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li min-naħa tagħhom kienu talbu l-kummenti tal-Kunsill dwar pagamenti li allegatament ħareġ il-Kunsill lil xi għaqdiet lokali. Is-Sindku qrat l-iskambji ta' komunikazzjoni li kien hemm sa dakinhar.
Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet ukoll mal-Arċipriet li kien lest li jikkonferma li dan ma kienx il-kor tal-Knisja. Is-Sindku ikkonfermat ukoll li dan il-kor lanqas kien għaqda lokali.
Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-Kunsill huwa awtonomu skont il-liġi u għalhekk ħadd ma seta' jimponi fuqu deċiżjonijiet. Hija qalet ukoll li l-Kunsill m'għandux għalfejn jaderixxi għal kull rikjesta li jirċievi u li ħadd m'għandu jipprova jxekkel u jaffettwa d-deċiżjonijiet tiegħu. Hija qalet ukoll li kienet inaċċettabbli li jkun hemm min japprofitta ruħu minn ideja jew ħolma tiegħu u jippretendi li jagħmel tajjeb għaliha il-Kunsill.
Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien dejjem mexa mar-regolamenti finanzjarji tal-kunsilli lokali u skont il-linji gwida tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Hija qalet li kienet lesta toħroġ pubblikament dak li kien ġara f'każ li l-materja tibqa' għaddejja.
Il-Kunsill jistmerr li jsiru rapporti bħal dawn biex iħammġu l-ħidma tal-Kunsill meta jikkollabora ma' entitajiet lokali u jassumi li l-persuna li għamlet dan ir-rapport hija ben konxja tar-Regolamenti Finanzjarji li jaderixxu magħhom il-kunsilli lokali minħabba l-professjoni tagħha u r-rabtiet li għandha ma' entitajiet lokali.

### 65.10.2. TALBA MINGĦAND RESIDENT GĦALL-UŻU TA' ĠNIEN VILHENA

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand resident li talab permess sabiex jorganizza bibita fi Ġnien Vilhena nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2019 bejn is-7pm u l-11pm. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 65.10.3. TALBA GĦAL TABELLA SKOLA SAJF

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand il-koordinatur ta' Skola Sajf fil-Floriana sabiex issir tabella fi Triq San Tumas għall-għeluq tat-triq matul Skola Sajf. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk il-ħinijiet ta' Skola Sajf humiex l-istess ħinijiet tal-iskola normali iżda s-Sindku nformat li kienu ħinijiet differenti. Il-Kunsillier JAE ippropona li jiġu indikati fuq it-tabella il-ġranet minn meta tibda Skola Sajf iżda s-Sindku nformat li mhux dejjem tibda fl-istess dati. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal it-tabella ta' Skola Sajf proposta oriġinarjament (bħal ta' kunsilli lokali oħrajn) u sabiex ma jkunx hemm konfużjoni, din għandha titneħħa appena jispiċċa l-perjodu ta' Skola Sajf.

### 65.10.4. TALBA MINGĦAND GĦANAFEST

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand GħanaFest li talbu li jkollhom parkeġġi riservati fi Triq Vincenzo Bugeja matul l-armar tal-attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

65.10.5. **TALBA GĦAL TWAĦĦIL TA' TABELLI - QNIEFED**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand resident li ppropona li jitwaħħlu tabelli li juru li minn ċertu toroq jaqsmu l-qniefed matul il-lejl. Il-Kunsill qabel u qabel li t-tabelli għandhom isiru luminixxenti sabiex ikunu jidhru fid-dlam minħabba li l-qniefed huma kreaturi notturni. Il-Kunsill qabel li t-tabelli għandhom jitwaħħlu fl-inħawi ta' Ġnien l-Argotti, Ġnien Vilhena, il-Ġnien tal-Milorda u maġenb il-monument ta' Vilhena.

65.10.6. **INVIT MINGĦAND IL-M.U.S.E.U.M**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-M.U.S.E.U.M fejn stiednu lill-Kunsill għall-festin nhar is-16 ta' Ġunju 2019 fl-okkażjoni tal-ewwel tqarbin. Il-Kunsill innota l-istedina.

65.10.7. **OFFERTA MINGĦAND MAGRO BROTHERS**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Magro Brothers fejn offrew lill-Kunsill mawra fil-fabbrika mingħajr ħlas. Il-Kunsill innota l-offerta.

65.10.8. **MALTA WINDS ORCHESTRA**

Is-Sindku ressqet korrispondenza ċirkolata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mingħand il-Malta Winds Orchestra li esprimew ix-xewqa li jkun mistiedna jdoqqu f'postijiet li huma ġemellati ma' postijiet lokali. Il-Kunsill ħa nota tas-suġġeriment tagħhom.

65.10.9. **NOISE FILTERING EAR PLUGS**

Is-Sindku ressqet korrispondenza datata 6 ta' Ġunju 2019 mingħand persuna li offriet lill-Kunsill *noise filtering ear plugs* biex jintużaw matul il-kunċerti sabiex jipprevjenu ħsara fis-smigħ fit-tul. Membru tal-istaff tal-Kunsill kien iltaqa' mar-rappreżentant tal-kumpanija. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li għandu jgħaddi l-proposta lill-Awtorità tat-Turiżmu li huma l-organizzaturi tal-Isle of MTV.

65.10.10. **TALBA BIEX ISSIR MIXTLA TAS-SIĠAR**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand NGO Siġar Maltin li talbu permess biex joħolqu mixtla liema xitel wara jinżergħu f'postijiet diversi madwar Malta. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi diskussa fil-leġislatura l-ġdida u nel frattemp jintalbu jindikaw post eżatt fejn qed jipproponu li ssir.

**Nota: 9:05 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

65.10.11. **TALBA BIEX ISSIR LUNA PARK INKLUŻ FERRIS WHEEL / PANORAMIC WHEEL**

65.10.11.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana FC fejn qalu lill-Kunsill li matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru, flimkien ma' kumpanija privata, kellhom il-ħsieb li jistallaw *panoramic wheel* fl-Arena tal-Indipendenza.

65.10.11.2. Is-Sindku ressqet talba wkoll minn kumpanija privata li fl-istess Arena tal-Indipendenza riedet tinstalla luna park inkluż Ferris Wheel matul is-Sajf.

65.10.11.3. Is-Sindku qalet li kienet iltaqgħet ma' rappreżentant ta' din il-kumpanija.

65.10.11.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill setax jiddeċiedi fuq xi ħaġa ta' dan it-tip ladarba ser issir fuq art imwillija lill-Floriana FC.

65.10.11.5. Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li jekk jaċċetta li titwaqqaf Ferris Wheel / Panoramic Wheel, kien ser jippreġudika l-oġġezzjoni li ressaq għal applikazzjoni simili sottomessa lill-Awtorità ta l-Ippjanar, liema sit fl-applikazzjoni kien biss xi mitejn metru bogħod mil-lokazzjoni proposta tal-Ferris wheel / Panoramic wheel.

65.10.11.6. Il-Kunsill esprima wkoll it-tħassib tiegħu għad-dawl, mużika u problemi aggravati ta' parkeġġ iġġenerati mill-imsemmija luna park, li jkunu ta' detriment għar-residenti għal xhur sħaħ. Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-ostaklu għall-veduti storiċi. Il-membri tal-Kunsill preżenti, unanimament qablu li joġġezzjonaw għal dawn it-talbiet, u qalu li qed jibbażaw din id-deċiżjoni wkoll fuq ir-rispons tar-residenti waqt laqgħa preċedenti li kienet ġiet organizzata rigward l-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll a bażi tar-raġunijiet diskussi hawn fuq.

## 65.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

65.11.1. Il-laqgħa intemmet fid-9.20am u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 26 ta' Ġunju fit-8.30am.

**Konfermati, llum l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv